**381. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, l-Onor. Louis Grech MP, jipproponi:**

**Minnufih wara l-Ordni Permanenti 120J għandu jiżdied l-Ordni Permanenti ġdid 120K flimkien ma' nota marġinali kif ġej:**

*"Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet.*

**120K.** (1) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet ikollu s-setgħa li jikkunsidra l-petizzjonijiet li l-Kamra tirċievi bil-mod stabbilit fl-Ordnijiet Permanenti.

(2) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet ikun magħmul minn ħames Membri, li minnhom tlieta jiġu maħtura min-naħa tal-Gvern li wieħed fosthom ikun il-President tal-Kumitat u tnejn min-naħa tal-Oppożizzjoni.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (3) u (4) tal-Ordni Permanenti 120B għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet.".

**Immediately after Standing Order 120J there shall be added the new Standing Order 120K together with a new marginal note as follows:**

*"Standing Committee on Petitions.*

**120K.** (1) The Standing Committee on Petitions shall have the power to consider petitions received by the House in the manner established by the Standing Orders.

(2) The Standing Committee on Petitions shall be constituted of five members, of which three members shall be nominated by the Government side, one of whom being the Chair of the Committee, and of two members nominated by the Opposition.

(3) The provisions of paragraphs (3) and (4) of Standing Order 120B shall apply *mutatis mutandis* to the Standing Committee on Petitions.".

25.07.16